

Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7478/22
ADD 1

ENER 99
ENV 265
COMPET 176
TRANS 171
CONSOM 69
IND 86
ECOFIN 254

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 138 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Sigurtà tal-provvista u prezzijiet affordabbli tal-enerġija: Għażliet għal miżuri immedjati u tnejn għax-xitwa li jmiss

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 138 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2022) 138 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2022
COM(2022) 138 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Sigurtà tal-provvista u prezzijiet affordabbli tal-enerġija:
Għażliet għal miżuri immedjati u tħejjija għax-xitwa li jmiss**

ANNEX

Ħarsa ġenerali lejn l-għażliet

Tressqu diversi għażliet għal miżuri ta' emerġenza biex jiġi limitat l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-elettriku mill-Istati Membri, mill-partijiet ikkonċernati u fid-dibattitu akkademiku. Dawn għandhom l-għan li jtaffu l-effett dirett fuq il-konsumaturi aħħarin, filwaqt li ma jfixklux il-Patt Ekoloġiku ġenerali fit-tul, inklużi l-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika. Biex jirnexxu, jeħtieġ li dawn l-għażliet eċċezzjonali temporanji u mmirati jkunu kontrollabbli b'mod fiskali u jenħtieġ li dawn ma jikkompromettux is-sigurtà tal-provvista u l-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern. Id-daqs tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi deskritti fl-għażliet jiddependi fuq il-karatteristiċi tad-disinn ta' dawn l-għażliet. **I – Interventi tas-Suq tal-Elettriku li jinvolvu kumpens finanzjarju lill-konsumaturi**

A. Interventi fil-livell tal-konsumaturi: appoġġ dirett lill-konsumaturi permezz ta' vawċers, tnaqqis tat-taxxa jew permezz ta' "mudell ta' aggregatur"

Il-Komunikazzjoni REPowerEU ttabbar Qafas Temporanju Ġdid għall-Kriżijiet tal-Għajnuna mill-Istat. Dan il-Qafas se jippermetti għotjiet diretti limitati u appoġġ ta' likwidità għall-impriżi kollha affettwati direttament jew indirettament mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, mis-sanzjonijiet imposti jew mill-kontromiżuri ta' ritaljazzjoni, kif ukoll għajnuna lill-impriżi, b'mod partikolari lill-konsumaturi li jużaw ħafna enerġija, biex jikkumpensaw għal parti mill-ispejjeż tal-enerġija tagħhom. Il-Komunikazzjoni tiċċara wkoll li, fiċ-ċirkostanzi attwali, huwa possibbli għall-Istati Membri li jirregolaw il-prezzijiet għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi u l-mikrointrapriżi kollha.

Mod ieħor kif jiġu protetti l-konsumaturi domestiċi, b'mod partikolari dawk foqra u vulnerabbli (iżda anki l-kumpaniji), ikun li l-Istati Membri jużaw "mudell ta' aggregatur", li skontu entità kkontrollata mill-Istat tixtri l-elettriku fis-suq u tagħmlu disponibbli għal ċerti kategoriji ta' konsumaturi – direttament jew permezz ta' fornituri – bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet attwali tas-suq, pereżempju fuq il-bażi tal-prezz tal-eżerċitar. Kull estensjoni ta' dan l-approċċ lil hinn minn dak li huwa previst skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Elettriku u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, għandhom jiġu vvalutati bir-reqqa biex tiġi evitata d-distorsjoni fis-Suq Uniku.

Il-biċċa l-kbira minnhom jistgħu jittieħdu f'livell nazzjonali.

Benefiċċji

Billi dawn l-għażliet huma mmirati direttament lejn il-konsumaturi, huma partikolarment effettivi biex jimmoderaw l-impatt ta' prezzijiet għoljin għall-utenti finali. Huma jippermettu flessibilità lill-Istati Membri fir-rigward tal-kategoriji tal-konsumaturi domestiċi u kummerċjali li għandhom jiġu appoġġati, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u r-regoli tal-kompetizzjoni. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu mudell ta' aggregatur ikollhom b'żonn jiddeċiedu dwar il-karatteristiċi tad-disinn, inklużi l-volumi mibjugħa u liema kategoriji/fornituri speċifiċi tal-konsumaturi jibbenefikaw minn din l-għażla. Il-Kummissjoni tista' ttiprovdi Gwida dwar mudell bħal dan jiġi

implimentat sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta fis-Suq Uniku.

Żvantaġġi

Din l-għażla tista' tillimita l-kompetizzjoni fis-swieq tal-konsumaturi, li jeħtieġ li tiġi mitigata billi jiġi żgurat trattament ġust u nondiskriminatorju tal-fornituri kollha. Il-gwida dwar il-prezzijiet regolati annessa mal-komunikazzjoni REPowerEU turi kif dan jista' jinkiseb għall-mudell tal-aggregatur.

Jekk parti kbira mill-konsumaturi jiksbu appoġġ li jikkompensa għaż-żieda sħiħa fil-prezz, l-inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tagħhom ikunu aktar limitati. Bħal fil-każ tal-għażliet kollha li jnaqqsu l-ispejjeż tal-konsumatur, dan jista' jżid l-użu tal-fjuwils fossili, id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet u jżid it-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista. Id-disponibbiltà ta' din l-għażla tiddependi fuq il-mezzi baġitarji tal-Istati Membri.

Spejjeż

L-ispejjeż u l-mod kif jiġu koperti jiddependi fuq l-għażliet nazzjonali fir-rigward tal-kopertura ta' ċerti kategoriji ta' konsumaturi u fuq il-punt sa fejn jittaffa l-piż finanzjarju fuq il-konsumaturi. Għażliet bħal dawn se jkunu ggwidati wkoll mill-ispazju fiskali tal-Istati Membri.

II – Intervent fis-suq tal-elettriku fil-livell tal-operaturi: l-iffissar tal-prezzijiet flimkien ma' kumpens finanzjarju lill-produtturi

B. Intervent fil-livell tal-operaturi fuq il-Prezz tal-Fjuwil għall-Ġeneraturi Fossili

Din l-għażla tinvolvi l-introduzzjoni ta' kumpens fuq il-prezz li l-ġeneraturi tal-elettriku fossili jħallsu għall-fjuwil tagħhom (faħam, gass, żejt, diżil). Billi din tiproteġi lill-ġeneraturi tal-fjuwils fossili mill-effett taż-żidiet attwali fil-prezzijiet fis-swieq internazzjonali tal-komoditajiet, tkun tippermettilhom joffru l-elettriku tagħhom bi prezz orħos milli huwa l-każ bħalissa. Din l-għażla tkun operazzjonalizzata billi l-ġeneraturi tal-elettriku jitħallsu d-differenza bejn l-ispejjeż attwali tagħhom ta' akkwist għall-fjuwil (gass, faħam) u prezz ta' referenza stabbilit minn qabel għal dawn il-komoditajiet.

Benefiċċji

Din l-għażla hija mistennija tinfluwenza l-imġiba tal-offerti tal-impjanti tal-enerġija fossili fl-UE u x'aktarx li twassal għal tnaqqis fl-ispiża tal-elettriku mibjugħ minn dawn l-impjanti u għalhekk tal-prezz marġinali fis-suq tal-operaturi. Dan imbagħad għandu jwassal għal prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi.

Skont il-karatteristiċi tad-disinn, dan ma jaffettwax l-ordni tal-mertu tal-impjanti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u għalhekk ma jinterferixxix mal-funzjonament tas-suq.

Żvantaġġi

Jekk tiġi introdotta fil-livell nazzjonali, din tista' tfixxkel il-fluss tal-elettriku fil-pajjiżi ġirien (tal-UE u mhux tal-UE) u tiskatta flussi minn pajjiżi bil-prezz ta' referenza għal dawk mingħajru mingħajr ma jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ta' skarsezza, is-sigurtà tal-provvista jew l-ispejjeż relattivi.

Bħal fil-każ tal-għażliet kollha li jaffettwaw il-kompetittività tal-prezzijiet relatati tal-fjuwils fossili, din l-għażla tista' tfixxkel l-isforzi biex jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili.

Spejjeż

L-ispejjeż u l-mod kif jiġu koperti jiddependu fuq l-għażliet. L-ispiża tista' tiġi ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-konsumaturi tal-elettriku. Filwaqt li din l-ispiża tista', fil-prinċipju, tiġi kkompensata bit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-elettriku għall-operaturi kkawżat mill-miżura, l-impatt nett fuq il-konsumaturi se jiddependi fuq il-bidliet fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili, il-kwantitajiet ta' fjuwils fossili importati u l-volumi tal-elettriku esportati lejn pajjiżi ġirien. L-introduzzjoni ta' tali miżuri tnaqqas id-dħul mit-tassazzjoni fuq il-qligħ eċċessiv.

C. Intervent fil-livell tal-operaturi li jintroduċi Limitu tal-Prezzijiet fis-Suq tal-Operaturi tal-Elettriku

Din l-għażla tkun tinvolvi limitu massimu tal-prezzijiet tal-elettriku f'livell predefinit.

Biex jibqgħu jaħdmu l-ġeneraturi li jużaw fjuwils li bħalissa jinvolvu spejjeż li jipprevjenu ġenerazzjoni profittabbli sal-limitu massimu (pereż. gass, faħam), ikun meħtieġ kumpens finanzjarju biex tiġi koperta d-differenza bejn il-prezz tas-suq għall-elettriku ġġenerat u l-limitu stabbilit minn qabel. Jista' jkun hemm bżonn ta' regolamentazzjoni b'saħħitha biex jiġi żgurat li l-offerti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku oġġla mil-limitu (li jstabbilixxu l-intitolament għal kumpens finanzjarju) ikunu "raġonevoli". Bl-istess mod, jista' jkun meħtieġ regolament li jiżgura li l-ġeneraturi li l-ispejjeż tagħhom ikunu taħt il-limitu massimu ma jagħmlux offerta oġġla mil-limitu (sabiex jiksbu prezz oġġla). Eventwalment dan jista' jirrikjedi regolamentazzjoni mill-qrib tal-offerti, li tista' twassal għal kumplessità.

Benefiċċji

Din l-għażla tillimita l-prezzijiet għall-operaturi, li min-naħa tagħha għandha twassal għal prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi. Tista' twassal għal tnaqqis fil-kirjiet inframarġinali għall-ġeneraturi li mhumiex affettwati direttament mil-limitu massimu.

Żvantaġġi

Din l-għażla teħtieġ għarfien dettaljat mill-amministrazzjoni tal-istrutturi tal-ispejjeż u tal-modi operattivi tal-impjanti tal-enerġija individwali.

Fir-rigward tal-Għażla B, **jekk ma tiġix introdotta fil-livell tal-UE**, din l-għażla tista' tfixxkel il-fluss tal-elettriku fis-suq intern u tiskatta flussi minn pajjiżi bil-limitu massimu għal dawk mingħajr mingħajr kunsiderazzjoni għall-iskarsezza.

Fir-rigward tal-għażla B, din l-għażla tkun qed tagħti vantaġġi inġusti lill-ġirien tal-UE, li jirċievu elettriku sussidjat mill-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, din l-għażla tista' tfixxkel il-fluss tal-elettriku fis-suq intern minħabba li ma jkunx hemm sinjal tal-prezz u tista' twassal għal riskji għas-sigurtà tal-provvista.

Bħal fil-każ tal-għażliet kollha li jnaqqsu l-ispejjeż tal-konsumatur, dan jista' jżid l-użu tal-fjuwils fossili, id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet u jżid it-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista.

Spejjeż

Ikun meħtieġ finanzjament biex jikkumpensa d-differenza bejn il-prezz tas-suq u l-limitu massimu tal-prezz. Din l-ispiża tkun aktar diffiċli biex tiġi sostnuta għall-Istati Membri bi spazju fiskali aktar limitat.

Maż-żmien, jista' jkun hemm riskji għas-sigurtà tal-provvista marbuta man-nuqqas ta' sinjal tal-prezz differenzjat fis-suq tal-UE kif ukoll b'segwitu għal-inċertezza regolatorja. Bl-istess mod, proġetti tal-enerġija rinnovabbli mhux issussidjati jiġu skoraġġuti billi d-dħul mis-suq ikun aktar baxx (anke minħabba li l-konsumaturi jkunu naqqsu l-inċentivi biex jiffirmaw kuntratti ta' xiri tal-enerġija fit-tul b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli minħabba li l-limitu massimu tal-prezz inaqqas il-ħtieġa tagħhom li jiħħeġġjaw prezzijiet għoljin).

D. Intervent regolatorju fis-suq tal-elettriku: limitazzjoni tar-redditi ta' ċerti atturi tas-suq

Fis-swieg tal-operaturi tal-elettriku, il-prezz huwa stabbilit mill-aħħar sors meħtieġ biex tiġi ssodisfata d-domanda kollha. Il-ġeneraturi tal-elettriku mill-fjuwils fossili bħalissa jiffaċċjaw spejjeż estremament għoljin tal-fjuwils fossili kif ukoll prezzijiet oġhla biex jarmu s-CO₂. Dan ifisser li l-prezzijiet marġinali tal-elettriku huma għoljin. Il-ġeneraturi ta' karga bażika li ma jiddependux fuq il-fjuwils fossili ma għandhomx struttura tal-ispejjeż simili f'din is-sitwazzjoni u jiksbu redditi addizzjonali ferm lil hinn mill-aspettattivi tagħhom meta jiddeċiedu li jinvestu.

L-Anness 2 tal-Komunikazzjoni REPowerEU jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu b'mod eċċezzjonali jintroduċu miżuri tat-taxxa li jaqdbu xi wħud minn dawn ir-redditi għoljin.

L-istess objettiv segwit minn tali miżuri ta' tassazzjoni jista' jinkiseb ukoll permezz ta' **interventi regolatorji**. Dan jista' jsir billi temporanjament l-Istati Membri jitħallew jistabbilixxu prezz tal-eżerċitar jew mekkaniżmu ta' rkupru li jillimita r-ritorni eċċessivi tal-ġeneraturi. Il-prezz tal-eżerċitar rilevanti jista' jkollu bżonn ivarja biex jirrifletti l-karatteristiċi tal-parteċipanti differenti fis-suq u jkollu jiġi stabbilit mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Fil-fatt, din l-għażla taħdem bħala **kuntratt f'direzzjoni waħda għad-differenza**, fejn il-pagamenti jkunu dovuti biss meta l-prezz ta' referenza (il-prezz tas-suq) ikun oġhla mill-prezz tal-eżerċitar. B'mod simili għat-taxxa fuq il-profitt eċċessiv li tinsab fil-Komunikazzjoni REPowerEU, ikun meħtieġ mekkaniżmu separat biex id-dħul minn tali intervent regolatorju lill-konsumaturi jitqassam mill-ġdid.

L-Istati Membri jistgħu jbiddu l-iskemi ta' appoġġ tagħhom għal ġeneraturi ġodda f'sistemi ta' **kuntratti bidirezzjonali għad-differenza**. Billi l-ġeneraturi tal-enerġija jintalbu jħallsu lura l-appoġġ għall-investment tagħhom meta l-prezzijiet ikunu għoljin, dan il-mekkaniżmu jipprevjeni sitwazzjoni fejn ġeneraturi ġodda li qed jinbnew bħalissa, fil-futur jibbenefikaw minn sussidji anke f'sitwazzjonijiet fejn il-prezzijiet tas-suq ikunu għoljin u volatili ħafna.

Meta l-atturi fis-swieg tal-gass naturali jaqilgħu redditi eċċessivi minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi attwali, pereżempju minħabba li huma jkunu kapaċi jbigħu volumi kkuntrattati fit-tul bi prezzijiet oġhla b'mod sinifikanti fis-suq spot, ir-redditi jistgħu jiġu koperti minn interventi tat-taxxa simili.

Benefiċċji

Jekk tkun imfassla tajjeb, din l-għażla ma tinterferixx mal-formazzjoni tal-prezzijiet fis-swieg tal-operaturi tal-elettriku, filwaqt li tippreserva s-sinjali għall-kummerċ intern u estern tal-UE u s-sigurtà tal-provvista. Hija ma taffettwax il-kummerċ tal-elettriku fl-UE kollha.

Ir-riforma tat-disinn ta' skemi ta' appoġġ għal investimenti ġodda tista' twitti t-triq għal bidliet eventwali aktar fit-tul fid-disinn tas-suq.

Żvantaġġi

Din l-għażla fiha nnifisha mhux se tnaqqas il-prezzijiet għall-konsumaturi iżda d-dħul iġġenerat jista' jintuża biex itaffi l-effett dirett fuq il-konsumaturi tal-enerġija li jbatu l-aktar mill-prezzijiet għoljin, pereżempju, permezz ta' vawċers lill-unitajiet domestiċi, u appoġġ finanzjarju lin-negozji f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kompetizzjoni.

Sabiex tiġi ddeterminata b'mod preċiż l-eżistenza ta' profitti inframarġinali eċċessivi, jeħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż tal-produtturi, li jista' jkun li ma jkollhomx aċċess għaliha. L-implimentazzjoni rapida tista' twassal għal sfidi legali billi l-parteċipanti fis-suq se jiġu affettwati b'mod differenti.

Jeħtieġ li l-kwistjonijiet dwar il-kompetizzjoni jiġu vvalutati bir-reqqa u jkunu inklużi billi tiġi segwita l-gwida tal-Kummissjoni dwar prezzijiet regolati għall-konsumaturi u miżuri fiskali dwar kirjiet inframarġinali, kif ukoll billi jkun hemm konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

L-implimentazzjoni ta' tassazzjoni mhux mistennija x'aktarx tħalli impatt fuq iċ-ċertezza tal-investituri, li jista' jfisser li jista' jkun meħtieġ appoġġ għall-ġenerazzjoni tal-elettriku futura kollha. Dan ir-riskju regolatorju se jkun rifless fi spejjeż aktar għolja tal-kapital u f'użu aktar baxx tal-enerġija rinnovabbli fil-futur.

III- Interventi fis-Swieq tal-Gass

E. Limiti tal-prezzijiet għall-kummerċ tal-gass fl-UE

Din l-għażla tiddependi fuq id-definizzjoni ta' prezz massimu għall-UE kollha li bih il-gass jista' jiġi negozjat bejn l-operaturi fl-Istati Membri kollha tal-UE jew, alternattivament, fuq l-iffissar ta' limiti tal-prezzijiet li fihom il-prezz tal-gass jista' jevolvi. Limitu/faxex tal-prezzijiet bħal dawn jillimitaw l-offerti fuq l-iskambji Ewropej. Il-prezz tal-gass limitat isir il-prezz ta' referenza kuntrattwali l-ġdid għal kuntratti fit-tul u għal kuntratti tad-derivattivi.

Biex tkun effettiva, ikun meħtieġ li din l-għażla tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha.

Benefiċċji

Limitu fuq il-prezz għall-kummerċ tal-gass madwar l-Ewropa jnaqqas il-volatilità eċċessiva u jwassal direttament għal prezzijiet tal-gass aktar baxxi. Dan imbagħad inaqqas l-ispejjeż tal-elettriku ġġenerat mill-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass u l-prezzijiet għall-konsumatur kemm għall-gass kif ukoll għall-elettriku.

Żvantaġġi

Jeħtieġ li jiġi ddeterminat il-livell tajjeb tal-limitu massimu: jekk ikun baxx wisq, ikun diffiċli li jiġi attirat aktar gass lejn l-Ewropa u dan jista' saħansitra jinċentiva lill-kumpaniji Ewropej biex jesportaw il-gass lejn pajjiżi fejn il-prezzijiet huma ogħla. Prezz aktar baxx jippromwovi aktar konsum tal-gass u għalhekk żieda fid-domanda fl-Ewropa. Sabiex dan ir-riskju jittaffa, din l-għażla jkollha tkun akkumpanjata minn ġestjoni tad-domanda b'saħħitha. Flimkien, dawn il-fatturi jistgħu jwasslu għal aktar tensjoni fis-suq tal-gass u joħlqu riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-gass.

Jekk ikun japplika l-istess prezz massimu fl-UE kollha, ikun diffiċli li jiġi żgurat li l-gass imur lejn id-destinazzjonijiet fejn ikun meħtieġ u li jiġi żgurat li l-grilja tkun tista' topera b'mod sikur filwaqt li l-provvista u d-domanda jinżammu f'bilanċ.

Il-konsumaturi li xtraw il-gass b'kuntratti fit-tul ogħla mil-limitu massimu ma jkunux jibbenefikaw minn limitu massimu fuq il-prezz qabel ma jiskadu l-kuntratti tagħhom.

Skont il-livell tal-limitu massimu u l-perjodu li matulu jiġi applikat, jista' jattira provvisti mis-sħab kummerċjali tagħna. Madankollu, ir-rispons tagħhom għal prezz stabbilit amministrattivament hija inċerta u ma tistax tiġi antiċipata. Huma jistgħu jikkontestaw din l-għażla fil-qrati u/jew jirrestrinġu jew jissospendu l-provvisti.

Spejjeż

L-ispejjeż huma relatati mal-possibilità ta' interruzzjoni fil-provvista skont kif il-fornituri jirreaġixxu għal-limitu massimu.

F. Volum u prezz negozjati ma' fornituri internazzjonali

Għażla minnhom tkun li jiġu stabbiliti miri aktar speċifiċi għall-volum tal-gass u tal-prezzijiet għal rotot/fornituri differenti tal-provvista u li dawn il-miri tal-volum u tal-prezzijiet ikunu jaħdmu fuq il-bażi ta' strateġija konġunta ta' negozjar ikkoordinata fil-livell tal-UE vis-à-vis s-sħab kummerċjali tal-UE. Il-prezzijiet rilevanti fil-mira jikkonċernaw il-kuntratti ta' provvista ma' pajjiżi terzi iżda ma jaffettwawx it-tranżazzjonijiet li jseħħu fl-UE (pereżempju għall-ibbilanċjar fis-suq intern).

Sabiex jiġu żgurati importazzjonijiet tal-gass u tal-LNG bi prezz tajjeb, l-UE għandha tiegħu perspettiva aktar fit-tul dwar is-sħubijiet tal-gass mal-fornituri tagħha u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tan-negozjati biex jiġu żgurati importazzjonijiet tal-idroġenu fit-tul.

Tali sħubiji jistgħu jikkonsistu fi:

- Kuntratti fit-tul għal żieda fil-provvisti tal-LNG u tal-pipelines;
- Investiment tal-UE f'kapaċità addizzjonali ta' importazzjoni tal-LNG, kompatibbli mal-idroġenu;
- **Sħubija għall-H₂** b'orizzont ta' bejn 5 snin u 10 snin biex tiġi stabbilita infrastruttura u qafas sod għall-investiment u sħubija fih (qafas komuni li jiżgura l-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-investimenti u d-domanda fl-UE kif ukoll kundizzjonijiet stabbli ta' investiment fil-pajjiżi sħab).

Il-prospetti ta' suċċess ta' strateġija ta' negozjar bħal din jiddependu fuq approċċ komuni fil-livell Ewropew.

Benefiċċji

Jekk jirnexxi, prezz aktar baxx innegozjat madwar l-Ewropa jwassal għal prezzijiet tal-gass ferm aktar baxxi flimkien ma' volumi ta' importazzjoni miftiehma ta' gass. Dan imbagħad inaqqas l-ispejjeż tal-elettriku ġġenerat mill-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass u l-prezzijiet għall-konsumatur, kemm għall-gass kif ukoll għall-elettriku.

Billi l-għażla tkun ibbażata fuq negozjati u ma tkun timponi l-ebda restrizzjoni fuq il-kummerċ tal-gass fl-UE (pereż. għall-ibbilanċjar), ikunu evitati interruzzjonijiet fil-flussi tal-gass interni tal-UE.

Żvantaġġi

Is-suċċess ta' din l-għażla fl-aħħar mill-aħħar jiddependi fuq l-eżitu tan-negozjati rilevanti ma' fornituri minn pajjiżi terzi.

Spejjeż

Jekk tirnexxi, din l-għażla twassal għal tnaqqis dejjiemi fl-ispejjeż tal-akkwist tal-gass naturali.